

## II

(Atti mhux leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1001/2014

tat-18 ta' Lulju 2014

**li jemenda l-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jhas-sar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(9)(c) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet biex jingħata l-ħlas għal prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent. Dawn il-kundizzjonijiet jinkludu regoli dwar iż-żoni li huma fokus għall-ekoloġizzazzjoni biex jintlaħqu l-miri tal-bijodiversità.
- (2) Biex l-amministrazzjoni ta' dawn iż-żoni ta' fokus ekoloġiku u biex jitqiesu l-karatteristiċi tat-tipi ta' żoni diversi, l-Artikolu 46(3) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jipprevedi l-użu ta' fatturi ta' konverżjoni u ta' ponderazzjoni.
- (3) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 <sup>(2)</sup> emenda l-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 biex jiġu stabbiliti l-fatturi rilevanti ta' konverżjoni u ponderazzjoni msemmijin fl-Artikolu 46(3) ta' dak ir-Regolament.
- (4) Bħala riżultat tat-taħdidiet mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill dwar ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 639/2014, il-Kummissjoni impenjat ruħha biex iżżid il-fattur ta' ponderazzjoni għaż-żoni fejn jittkabbru għelejjel li jassimilaw in-nitroġenu kif imsemmi fil-punt (j) tal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 46(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 biex jintlaħqu l-miri msemmijin hawn fuq.
- (5) Għalhekk, l-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għandu jiġi emendat skont dan.
- (6) Dan ir-Regolament għandu japplika fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna għas-snin kalendarji wara s-sena kalendarja 2014,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

**Emenda fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013**

Fl-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-fattur ta' ponderazzjoni ta' "0,3" għaż-żoni fejn jittkabbru għelejjel li jassimilaw in-nitroġenu jiġi sostitwit b'"0,7".

<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 608.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 tal-11 ta' Marzu 2014, li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament (ĠU L 181, 20.6.2014, p. 1).

*Artikolu 2***Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-ghajjnuna relatati mas-snin kalendarji wara s-sena kalendarja 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---